# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Għaxra (10) ta' Marzu 2021**

**Rikors Numru 126/12 FDP**

Fl-ismijiet

**Anthony Marmara'**
**(ID 734752M)**

**Vs**

**MRT Developments Limited (C 38828) u, b'digriet tat-28 ta' Ġunju 2013, ġew kjamati in kawża Firas Akkawi (ID 25559A) u El Azibi Abdulmottaleb Mohammed (ID 34650A)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 7 ta' Frar 2012, li permezz tiegħu r-rikorrenti talab is-segwenti:

    1. *Illi fit-8 ta' Frar 2010, filwaqt li kien jinsab fil-fond 48, Triq il-Madaffa, Żabbar, di propjeta tas-soċjeta' intimata, l-esponenti waqa' minn għoli ta' aktar minn sular għal ġo lift shaft fl-istess fond li, fil-mument tal-inċident, ma kienx adegwatament magħluq;*

    2. *Illi b'konsegwenza tal-imsemmi inċident, l-esponenti sofra ġrieħi ta' natura gravi fil-persuna tiegħu li rriżultaw f'debilita permanenti;*

    3. *Illi b'konsegwenza ta' dak kollu premess, l-esponenti sofra danni inġenti konsistenti f'damnum emergens u lucrum cessans, hekk kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

4. *Illi l-inċident de quo seħħ unikament b'konsegwenza ta' imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tas-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol da parti tas-soċjeta' intimata;*

5. *Illi għalhekk is-soċjeta' intimata hija responsabbli għad-danni subiti mill-esponenti kif premess;*

6. *Illi s-soċjeta' intimata, minkejja li ġiet ripetutament interpellata sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u konsegwenti ħlas tad-danni subiti mill-esponenti kif premess, baqgħet inadempjenti u ma ħallsitx;*

7. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

*Illi għalhekk, għar-raġunijiet premessi l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

1. *Tiddikjara illi l-inċident li seħħ fit-8 ta' Frar 2010, fil-fond 48, Triq il-Madaffa, Żabbar, di proprjeta tas-soċjeta' intimata, b'konsegwenza ta' liema l-esponenti sofra ġrieħi fil-persuna tiegħu ta' natura gravi, kif ukoll debilita permanenti, riżultanti f'danni konsistenti f'damnum emergens u lucrum cessans, kif premess, seħħ unikament b'konsegwenza ta' imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tas-saħħa tax-xogħol da parti tas-soċjeta' intimata u li għalhekk l-istess soċjeta' intimata hija responsabbli għar-riżarċiment tal-istess danni a favur tal-esponenti;*

2. *Tillikwida, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, id-danni sofferti mill-esponenti b'riżultat ta' l-inċident de quo';*

3. *Tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas lill-esponenti d-danni likwidati ai termini tat-talba preċedenti;*

*Bl-ispejjeż ġudizzjarji u bl-imgħax legali fil-konfront tas-soċjeta' intimata rappreżentanti ta' liema huma nġunti għas-subizzjoni tagħhom minn issa stess;*

2. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrent, inkluż ir-Rapport tal-Pulizija 4/H/362/2010 datat 8 ta' Frar 2010 (fol 6), ir-rapport tal-Konsulent Ortopediku Mr Raymond Gatt datat 22 ta' Ottubru 2010 (fol 8) u l-Ittri Uffiċjali datati 28 ta' Frar 2011 u 29 ta' Marzu 2011 tal-partijiet rispettivi. (fol 11 u 13)

3. Rat ir-risposta ġuramentata ippreżentata fit-12 ta' Marzu 2012, fejn is-soċjeta' intimata laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

    1. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet sussegwenti, s-soċjeta' konvenuta ma hiex il-leġittima kontradittriċi għat-talbiet tal-attur u konsegwentement għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi hija ma hijiex responsabbli għad-danni allegatament sofferti mill-attur;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u sussegwenti, is-soċjeta' konvenuta ma hiex responsabbli għall-inċident indikat mill-attur billi ma kienet taħti għal ebda traskuraġni, imperizja u/jew negliġenza li jwassluha biex twieġeb għall-pretensjonijiet tal-attur;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u sussegwenti, din il-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni l-element ta' kontributorjeta minn naħa tal-attur għall-inċident de quo kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u sussegwenti s-soċjeta' konvenuta ma hijiex responsabbli bl-ebda mod għall-inċident de quo u lanqas għad-danni li allegatament ġew sofferti mill-atturi;*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u sussegwenti it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi ebda responsabbilita għall-inċident u għall-allegati danni konsegwenzjali ma hija imputabbli lejn l-istess soċjeta' konvenuta. Kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, is-soċjeta' konvenuta ħadet il-miżuri neċessarji u ta' sigurta' kollha, u bl-ebda mod ma naqqset milli tħares ir-regolamenti tas-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol;*

6. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur.*

4. Rat illi fil-21 ta' Marzu 2012, ġie appuntat Mr Charles Grixti bħala Espert Mediku.

5. Rat ix-xhieda tal-**PS 91 Michael Buttigieg** mogħtija fid-29 ta' Mejju 2012 (fol 30).

6. Rat ix-xhieda tal-**PC 1603 Mario Muscat** mogħtija fid-29 ta' Mejju 2012 (fol 32).

7. Rat illi fid-29 ta' Mejju 2012, saret talba għal kjamat in kawża ta' Firas Akkawi u Azibi Abdulmottaleb Mohaammed, liema talba ġiet miċħuda fit-12 ta' Ġunju 2012.

8. Rat l-affidavit ta' **Anthony Marmara**, ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2012 u dokumentazzjoni dwar introjtu minnu eżebiti. (fol 43 - 65)

9. Rat l-affidavit ta' **Elton Marmara**, ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2012. (fol 66 – 87)

10. Rat ix-xhieda ta' **Norman Spiteri**, Uffiċjal tas-Saħħa u Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol, mogħtija fis-16 ta' Ottubru 2012. (fol 97A)

11. Rat il-file mediku tar-rikorrent Anthony Marmara ippreżentat mic-Chief Medical Officer fis-16 ta' Ottubru 2012. (fol 102)

12. Rat ix-xhieda ta' **John Azzopardi**, Leading Officer fi ħdan is-Civil Protection Department, mogħtija fil-21 ta' Jannar 2013. (fol 129)

13. Rat ix-xhieda ta' **Spiridione Spiteri**, Fireman, mogħtija fil-21 ta' Jannar 2013. (fol 12)

14. Rat illi fit-12 ta' Ottubru 2012, is-soċjeta' intimata appellat miċ-ċaħda tal-Qorti għall-kjamat fil-kawża ta' Firas Akkawi u El Azibi Abdulmottalek Mohaammed, liema appell intlaqa' fit-28 ta' Ġunju 2013, fejn ordnat li jissejjħu fil-kawża l-persuni fuq imsemmija.

15. Rat ir-risposta ġuramentata ta' **Firas Akkawi** ippreżentata fit-28 ta' Ottubru 2013, fejn qajjem is-segwenti difiżi:

    1. *Illi b'mod preliminari, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, t-talba attriċi di fronti għall-eċċipjenti kjamat in kawża tinsab ormai preskritta bid-dekors taż-żmien in virtu ta' l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

    2. *Illi, bla preġudizzju għall-eċċezzjoni ta' qabel din u dawk rimanenti, t-talbiet attriċi di fronti għall-istanti kjamat in kawża għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż u l-istess kjamat għandu jiġi lliberat mill-ħarsien tal-ġudizzju stante li ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn l-attur u l-kjamat in kawża.*

    3. *Illi, bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ta' qabel din u dawk rimanenti, l-istanti kjamat in kawża mhux responsabbli għas-sinistru subit mill-attur billi l-istess kjamat ma kien jaħti għal ebda traskuraġni, imperizja, negliġenza jew nuqqas t'osservanza ta' regolamenti li jwassluh biex iwieġeb għall-pretensjonijiet attriċi.*

    4. *Illi, bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ta' qabel din u dawk rimanenti, t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-sinistru lamentat seħħ unikament tort ta' l-attur minħabba negliġenza, imperizja, u nuqqas ta' prudenza da parti tiegħu, ossia l-attur ħa fuqu r-riskju li jkun preżenti f'sit ta' żvilupp mingħajr ma jikkawtela ruħu għal-eventwali sinistri u, għalhekk, "volenti non fit injuria".*

    5. *Illi, bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ta' qabel din u dawk rimanenti, l-istanti kjamat in kawża mhux responsabbli bl-ebda mod għas-sinistru de qua u lanqas għad-danni li allegatament ġew sofferti mill-atturi stante li kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-istess kjamat in kawża ħa l-miżuri kollha neċessarji u ta' sigurta, u b'ebda mod ma naqas milli jħares ir-regolamenti tas-saħħa u s-sigurta fuq il-lant lavorattiv.*

    6. *Salv id-dritt tal-odjern eċċipjent li jissolleva eċċezzjonijiet ulterjuri.*

16. Rat illi l-intimat El Azibi Abdulmattaleb Mohammed ġie debitament notifikat permezz ta' affissjoni fid-9 ta' Mejju 2014 (fol 158) kif ukoll pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Mejju 2014 (fol 159) u The Malta Independent fid-9 ta' Settembru 2014. (fol 161)

17. Rat illi fit-8 ta' Ottubru 2014, l-intimat El Azibi Abdulmattaleb Mohammed ma deherx.

18. Rat illi fit-3 ta' Novembru 2015 il-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-Espert Mediku Mr Charles Grixti kien laħaq miet qabel ma ħalef fir-rapport li kien ippreżenta, u għalhekk ir-rapport tiegħu ġie sfilzat u ġie nominat Mr Massimo Abela bħala Espert Mediku. (fol 170)

19. Rat ir-rapport tal-**Espert Mediku Mr Massimo Abela** ippreżentat fl-14 ta' April 2016. (fol 173 - 180)

20. Rat l-eskussjoni tal-Espert Mediku Massimo Abela illi saret fit-8 ta' Novembru 2016. (fol 193)

21. Rat illi fit-18 ta' Jannar 2017, ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

22. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta' Anthony Marmara mogħtija fit-23 ta' Frar 2017. (fol 197)

23. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta' Elton Marmara mogħtija fil-5 ta' April 2017 (fol 204)

24. Rat ix-xhieda ta' **Mario Camilleri**, rappreżentant tas-soċjeta' AME Health and Safety Services Limited mogħtija fil-5 ta' April 2017 u d-dokumentazzjoni minnu eżebita. (fol 207)

25. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta' l-ex-PS 91 Michael Buttigieg mogħtija fit-28 ta' Novembru 2017. (fol 248)

26. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta' Mario Muscat mogħtija fit-28 ta' Novembru 2017. (fol 250)

27. Rat ix-xhieda ta' **David Saliba**, Kap tat-Taqsimiet Tekniċi fi ħdan l-Awtorita għas-Saħħa u Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol, mogħtija fis-6 ta' Frar 2018. (fol 257)

28. Rat l-affidavit ta' **Thomas Mifsud**, rappreżentant tas-soċjeta' intimata, ippreżentat fis-16 ta' April 2018 flimkien mad-dokumentazzjoni minnu eżebita. (fol 277)

29. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta' Mario Camilleri mogħtija fl-24 ta' Mejju 2018. (fol 306)

30. Rat illi fl-24 ta' Mejju 2018 is-soċjeta' intimata ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

31. Rat illi fis-16 ta' Ottubru 2019 dina l-Qorti, kif ippresjeduta, ħadet konjizzjoni tal-atti.

32. Semgħet il-kontro eżami ta' Thomas Mifsud, mogħtija fit-13 ta' Frar 2020. (fol 315)

33. Rat illi fit-13 ta' Frar 2020, il-partijiet qabblu illi ma kienx hemm aktar provi x'jippreżentaw, u għalhekk il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet bil-miktub.

34. Rat illi l-kontumaċi, El Azibi Abdulmattaleb Mohammed, ma ppreżenta ebda sottomissjonijiet bil-miktub.

35. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' Anthony Marmara ippreżentati fis-26 ta' Ġunju 2020.

36. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tas-soċjeta' intimata MRT Developments Limited ippreżentati fis-17 ta' Novembru 2020.

37. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-kjamat in kawża Firas Akkawi ippreżentati fis-17 ta' Novembru 2020.

38. Rat illi fis-17 ta' Novembru 2020, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Fatti tal-Każ

39. Jirriżulta, mill-fatti tal-każ prodotti fuq medda ta' disgħa snin, illi l-każ jirrigwarda inċident illi seħħ ġewwa block ta' flats li jinsabu f' 48, Triq il-Madaffa, Żabbar, li kienu qed jiġu żviluppati mis-soċjeta' intimata MRT Developments Limited, fejn ir-rikorrent Anthony Marmara, li dak iż-żmien kellu sebgħa u ħamsin sena (57), kien mar fil-blokk ta' appartamenti sabiex jgħin lit-tifel tiegħu, Elton, li kien xtara appartament hemmhekk, iżda spiċċa waqa' ġo shaft tal-lift u waqa' għoli ta' aktar minn sular u sofra ġrieħi serji f'saqajh.

40. Jirriżulta illi, dakinhar illi seħħ l-inċident, il-korp tal-appartamenti kien għadu fi stat ta' kostruzzjoni u kienu qed isiru il-finishings fil-partijiet komuni filwaqt illi d-dawl kien għadu ma ġiex installat fil-partijiet komuni.

41. Jirriżulta illi hekk kif daħħlu fil-korp tal-appartamenti, ir-rikorrent, flimkien mat-tifel tiegħu Elton, li kien quddiemu, beda tiela' għall-appartament ta' Elton Marmara, illi jinsab fit-tielet sular, u t-taraġ kien kollu mdallam peress illi ma kienx hemm aktar ingress ta' dawl fil-post, u dana għax bieb li, sa ftit jiem qabel, kien miftuħ u minnu kien jidhol id-dawl, kien ingħalaq u, għalhekk, it-taraġ u d-dintorni tiegħu, kienu mudlama.

42. Jiriżulta illi, hekk kif ir-rikorrent kien fil-ground floor ser jibda tiela' t-taraġ tal-appartamenti, huwa wasal biswit il-bieb tal-lift, liema lift kien għadu ma ġiex installat u kien, dak il-ħin, miftuħ beraħ fejn ma kien hemm ebda lqugħ biex jagħlaq il-fetħa tal-lift, u r-rikorrent spiċċa waqa' ġewwa s-shaft tal-lift u waqa' għoli ta' aktar minn sular.

43. Jirriżulta, di fatti, illi għalkemm preċedentement kien hemm xibka tal-ħadid illi kienet imwaħħla mal-fetħa tal-lift sabiex tagħlaq l-aċċess għal ġewwa l-lift shaft u għalhekk kienet tassikura illi ħadd ma jaqa' għal isfel, dakinhar, il-kuntrattur imqabbad mis-soċjeta' intimata, ossija Firas Akkawi, kien qiegħed ikaħħal il-ħitan tat-taraġ u, bħala riżultat, huwa kien neħħa x-xibka minn fuq il-post sabiex ikun jista' jkaħħal il-ħitan.

44. Jirriżulta illi, bħala konsegwenza tat-tneħħija ta' tali xibka, meta r-rikorrent avviċina l-bokka tal-lift u kien ser jibda tiela' t-taraġ, in vista tad-dlam illi kien hemm, huwa ma ntebaħx illi l-fetħa tal-lift kienet miftuħa u, hekk kif wasal ħdejha, huwa baqa' nieżel għal isfel.

45. Jirriżulta illi, bħala riżultat tal-inċident, huwa għamel tlett ġimgħat l-Isptar fejn sarulu żewġ operazzjonijiet f'irkupptejh, u wara li ħareġ mill-Isptar, għamel tmien xhur f'wheelchair u xahrejn miexi bil-krozzi u kellu jagħmel operazzjoni ulterjuri.

46. Jirriżulta illi r-rikorrent għandu kumpanija bl-impjegati illi tagħmel strutturi tal-aluminium u, bir-riżultat tal-inċident tiegħu, huwa ma setax ikompli jmur fuq il-lant tax-xogħol flimkien mal-impjegati tiegħu filwaqt illi għandu limitazzjoni fil-mobbilta' tiegħu, liema limitazzjonijiet ġew viżjonati u spezzjonati mill-espert mqabbad mir-rikorrent, ossija Mr Ray Gatt, li seta jikkonstata illi r-rikorrent kellu diżabbilta' ta' għaxra fil-mija (10%).

47. Jirriżulta illi r-rikorrent interpella lis-soċjeta' intimata MRT Constructions Limited permezz ta' Ittra Uffiċjali fit-28 ta' Frar 2011 u, sussegwentement, wara li r-responsabbilta' ġiet rifjutata, nieda l-proċeduri odjerni fis-7 ta' Frar 2012.

**Difiża**

48. Jirriżulta illi s-soċjeta' intimata, fid-difiża tagħha, qajjem varji difiżi illi jistgħu jiġu riassunti fis-segwenti:

    a. Illi ma hijiex responsabbli għall-inċident u danni subiti;
    b. Illi hija ħadet il-miżuri kollha neċessarji u għalhekk għandha tittieħed kont tal-kontributorjeta tar-rikorrent.

49. Jirriżulta wkoll illi, fuq talba tas-soċjeta' intimata, ġew kjamati in kawża Firas Akkawi u El Azibi Abdulmottalek Mohaamed, fejn Mohaamed baqa' kontumaċi filwaqt illi Akkawi qajjem varji difiżi, illi jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

    a. L-azzjoni fil-konfront tiegħu hija preskritta bit-trapass ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap 12;
    b. Ma hemm ebda relazzjoni ġuridika bejnu u r-rikorrent;
    c. Ma huwiex responsabbli għall-inċident.

50. Il-Qorti tqis illi huwa opportun illi tikkunsidra l-varji difiżi imressqa mis-soċjeta' intimata u l-kjamat in kawża Akkawi.

**Responsabbilta'**

51. Kemm is-soċjeta' intimata kif ukoll il-kjamat in kawża lkoll jinsistu illi ma mhumiex responsabbli għal dak illi seħħ.

52. Il-Qorti, tosserva, iżda, illi r-responsabbilta' għal dak illi jirrigwarda ż-żewġ partijiet hija waħda ċara u bl-ebda mod ma tista' tiġi meħlusa minnhom. Il-Qorti waslet għal tali konklużjoni abbażi tas-segwenti fatti:

    a. Is-soċjeta' MRT Developments Limited kienet qiegħda tagħmel il-proġett ta' żvilupp tal-blokk ta' appartamenti fejn seħħ l-inċident bil-għan illi tbiegħ l-appartamenti minnha żviluppati. Dana jirriżulta kemm mix-xhieda ta' Thomas Mifsud, rappreżentant tas-soċjeta' intimata, fejn, in kontro eżami, (fol 315), aċċetta illi s-soċjeta' intimata kienet żviluppat il-blokk ta' appartamenti kif ukoll mill-kuntratti ta' bejgħ tas-soċjeta' intimata, fosthom lil Elton Marmara, it-tifel tar-rikorrent, fis-7 ta' Jannar 2010. (fol 69)

b. Il-Health and Safety Manager, Mario Camilleri, ikkonferma illi tqabbad minn Thomas Mifsud, rappreżentant tas-soċjeta' intimata MRT Developments Limited, u huwa kien iddiskuta l-kwistjoni ta' sigurita' ma' Firas Akkawi. (fol 207)

c. Firaz Akkawi u Abdulmottaleb Mohammed El-Azibi kienu mqabbda, mis-soċjeta' MRT Developments Limtied, bħala kuntratturi da' parte tas-soċjeta' intimata sabiex jagħmlu x-xogħolijiet kollha ta' plastering fil-blokk ta' appartamenti.

d. L-Uffiċjal tas-Saħħa u Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol, Norman Spiteri, ikkonferma fix-xhieda tiegħu (fol 97B), illi meta mar fuq il-post sabiex jinvestiga ftit jiem wara, huwa sab lil Firas Akawi jaħdem hemm, li kkonfermalu illi l-bibien tal-lift shafts kienu miftuħin u ma ttieħdu ebda prekawzjonijiet sabiex jingħalqu.

e. Il-PS 91 Michael Buttigieg, illi kien investiga l-akkadut dakinhar stess wara nofsinhar, ikkonferma illi l-bieb li kien jagħti għax-shaft tal-lift ma kellu ebda lqugħ.

f. Kemm l-uffiċjal Norman Spiteri kif ukoll s-Surgent Michael Buttigieg, it-tnejn ikkonfermaw illi fit-taraġ tal-komun, fejn seħħ l-inċident, kien hemm "dlam taqtgħu b'sikkina" (fol 30) u ma kien hemm ebda dawl li juri t-taraġ u d-dintorni.

g. Ma kien hemm xejn x'jimpedixxi lil Anthony Marmara sabiex jidħol fil-blokk tal-appartamenti illi kienu għadhom taħt kostruzzjoni, għalkemm l-istess rikorrenti kien daħal fil-fond sabiex jgħin lit-tifel tiegħu fl-appartament illi huwa kien għadu kif xtara ftit anqas minn xahar qabel.

h. L-inċident seħħ minħabba fid-dlam illi kien hemm fit-taraġ tal-blokk tal-appartamenti u minħabba fil-fatt illi d-daħla għax-shaft tal-lift kien miftuħ beraħ mingħajr ebda lqugħ fih.

53. Il-Qorti, għalhekk, ma għandha ebda dubju illi l-inċident illi sar lir-rikorrent Anthony Marmara, seħħ riżultat ta' imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tas-Saħħa u Sigurta' fuq il-post tax-xogħol, kemm tas-soċjeta' intimata MRT Developments Limited, kif ukoll tal-kjamati in kawża Firaz Akkawi u Abdulmottaleb Mohammed El-Azibi

## Azzjoni Preskritta fil-konfront ta' Firaz Akkawi

54. Jirriżulta illi l-inċident meritu tal-kawża odjerna seħħ fit-8 ta' Frar 2010 u l-kjamat in kawża Firaz Akkawi ġie notifikat bl-atti fl-14 ta' Ottubru 2013, u għalhekk qiegħed jikkontendi illi l-azzjoni fil-konfront tiegħu hija preskritta bit-trapass ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16.

55. Il-Qorti tosserva illi dina l-eċċezzjoni ma tistax tiġi kkunsidrata favorevolment, u dana għar-raġunijiet segwenti:

a. Jirriżulta illi l-inċident meritu tal-kawża odjerna seħħ riżultat tal-fatt illi ma ttieħdux il-miżuri neċessarji biex jiġi evitat riskju fil-korp tal-binja fejn kien qed isir ix-xogħol mis-soċjeta' intimata u l-kjamati in kawża.

b. Jirriżulta illi tali nuqqas huwa meqjus bħala reat, ai fini tal-Artikolu 6 tal-Kap 424, intitolat 'Awtorita għas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-post tax-Xogħol'.

c. Jirriżulta illi, a tenur tal-Artikolu 38 (9) ta' l-istess Kap 424, "proċedimenti għal reat skond dan l-Att jistgħu jinbdew fi żmien sitt snin mill-għemil tar-reat."

d. Jirriżulta illi, a tenur tal-Artikolu 2154 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, 'azzjoni ċivili għall-hlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali."

56. Jirriżulta illi, la darba ma hemm ebda dubju illi d-danni reklamati mir-rikorrent huwa riżultat ta' reat kommess mis-soċjeta' intimata kif ukoll il-kjamati in kawża, allura għandu japplika l-perjodu preskrittiv stabbilit għal tali reat, ossija dak ta' sitt snin.

57. Jirriżulta illi l-kjamat in kawża Akkawi ġie notifikat tlett snin wara l-akkadut, u għalhekk t-talba kontra tiegħu saret entro l-perjodu preskrittiv stabbilit mill-KAp 424 fuq imsemmi.

58. Għalhekk, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma treġġix.

**Eċċezzjonijiet oħra**

59. Il-kjamat in kawża jikkontendi illi ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika bejnu u bejn ir-rikorrent.

60. Jirriżulta, madanakollu, illi l-grada illi kienet qiegħda tagħlaq il-fetħa tal-lift shaft tneħħiet minn l-istess kjamat in kawża, kif stqarr ix-xhud Norman Spiteri.

61. Jirriżulta wkoll illi, fil-mument tal-akkadut, kienu l-kjamati in kawża illi kienu qed jaħdmu fuq il-post tax-xogħol.

62. Jirriżulta, għalhekk, illi l-eċċezzjoni ta' relazzjoni ġuridika ma għandha ebda fondalment legali fil-każ odjern, stante illi l-azzjoni odjerna ma hijiex marbuta ma' xi obbligi kuntrattwali assunti mill-kjamati in kawża, iżda hija marbuta ma' nuqqasijiet kkawżati minn azzjoni tal-kjamati in kawża, għal liema nuqqasijiet ir-rikorrent qiegħed jinterpellahom bil-proċeduri odjerni sabiex jagħmlu tajjeb huma wkoll.

63. Għalhekk, dina l-eċċezzjoni ma għandhiex tiġi kkunsidrata favorevolment.

64. Is-soċjeta' intimata tikkontendi illi hija ħadet il-passi kollha illi setgħet tieħu. Jirriżulta, madanakollu, illi għalkemm is-soċjeta' intimata daħlet fi ftehim mal-kjamati in kawża dwar is-Sigurta' u Saħħa tal-post, kif jidher mid-dokumentazzjoni ppreżentata minnha stess, dana ma jfissirx illi b'hekk hija abdikat mill-obbligi tagħha biex iżżomm il-post tax-xogħol dejjem sigur.

65. Għalhekk, dina l-eċċezzjoni ma tistax titqies favorevolment.

66. Is-soċjeta' intimata tikkontendi wkoll illi r-rikorrent għandu jerfa' responsabbilta' kontributorja għall-akkadut in vista ta' kif seħħ l-inċident.

67. Il-Qorti tosserva illi, għalkemm huwa minnu li s-soċjeta' intimata naqset mill-obbligi tagħha illi żżomm il-post tax-xogħol u l-blokka kollha sigura, huwa minnu wkoll illi l-fatt li r-rikorrent għażel illi jidħol fuq lant tax-xogħol u pprova jidħol ġo parti mill-fond illi kien imdallam kien riskju illi huwa għażel illi jieħu, għalkemm ċertament huwa ħa tali riskju abbażi ta' serħan tal-moħħ li l-ambjent kien sikur biżżejjed biex jidħol.

68. Għalhekk, il-Qorti hija predisposta illi tqis favorevolment dina d-difiża tas-soċjeta' intimata, u dana ser ikun rifless fid-danni illi eventwalment ser tillikwida dina l-Qorti.

## Danni

69. Il-Qorti tosserva illi l-leġislazzjoni u ġurisprudenza nostrana tipprovdi illi d-danni likwidati jkopru kemm dawk attwali (damnum emergens) u kemm dawk li jolqtu telf ta' qliegħ futur (lucrum cessans).

70. Fil-każ **Joseph Zammit vs Joseph Bonello** deċiż fil-25 ta' Frar 2016 hemm rassenja tal-prinċipji ġenerali applikabbli f'din il-materja kif rassodati fil-ġurisprudenza matul is-snin:

> *Illi tali regoli ġew supplementati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija "**Michael Butler vs Peter Christopher Heard**" – A.C. deċ. fit-22 ta' Diċembru 1967, li tat l-oriġini għal hekk imsejħa multiplier system, li pero` ġiet aġġustata għaż-żminijiet aktar reċenti peress li, kif intqal fil-kawża "**Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et**" – A.C. deċ. fis-16 ta' Novembru 1983, "iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu." Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw "l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – "**Savona vs Asphar**" App. Deċiż fit-23 ta' Ġunju 1952; u li "għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut." ("**Emanuel Mizzi vs Carmel Attard**":- 13.5.2003); u li "dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabbilta`. Inoltre` d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`." – "**Francis Sultana vs John Micallef et noe et**" – Appell deċiż fl-20 ta' Lulju 1994.*
>
> *Madankollu, fil-każ "**Paul Debono vs Malta Drydocks**" P.A. deċiża fis-27 ta' April 2015, intqal:*
>
> > *Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045*

> *tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċita`. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja.*

***Multiplier***

*Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata d-danneġġjat jiġi kalkolat, hija waħda li dwarha l-Qrati Tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala:*

> *A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases. - (Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).*

*Għalhekk ġie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta' 'chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'.*

*Fil-każ "***Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace***" Appell deċiż fil-5 ta' Marzu 1986) ġie ribadit li:*

> *In-numru ta' snin adottat bħala multiplier m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettativa tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in konsiderazzjoni c-chances and changes of life'.*

*Il-multiplier ġie definit kif ġej:*

> *In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income. - (The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228).*

*Ġie stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawża fl-ismijiet* **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri***) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni.*

*Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji.*

*Dwar il-qies tal-multiplier jkun xieraq li wieħed jagħmel referenza wkoll għal dak li hu mgħallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jingħad li:*

> *The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death….. - (Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).*

***Tnaqqis minħabba lump sum payment***

*Illi dwar il-lump sum jingħad illi fil-kawża fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe.**" (P.A. (JSP) deċiża fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:*

> *Fir-rigward għal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'għandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentaġġ solitu ta' 20 fil-mija għal 'lump sum payment' jekk ma jkunux għaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u jekk ikun għadda dan il-perjodu allura għandu jsir tnaqqis ta' 2% għal kull sena minn dik id-data.*

*Aktar reċentement, il-Qorti tal-Appell, fil-każ "**Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri**" deċiża fis-27 ta' Frar 2004, irrabadiet li –*

> *Għall-finijiet tat-tnaqqis minħabba lump sum payment id-dekors taż-żmien għandu jibda jiġi kalkolat minn meta tiġi ntavolata l-kawża relattiva u mhux minn meta javvera ruħu l-inċident ukoll relattiv.*

*Skont kriterju li ġie eluċidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-każ "**Jos Agius vs All Services Ltd.**" (P.A. TM 1809/01 deċiża fit-2 ta' Ġunju '05) "f'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-benefiċċjarji. Jekk id-deċiżjoni pero`, tkun se tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn, ilpersentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża.*

*Iżda, ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża, dan għaliex "jekk id-danneġjat ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction". (Ara "***Agius vs Fenech***" P.A. deċiża fid-29 ta' Ottubru 2003, "***Sylvester Tabone vs Carmen Abela***" P.A. deċiża fil-25 ta' Novembru 2013 u "***Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd.***" P.A. deċiża fit-12 ta' Novembru 2012).*

*Dwar l-istess tematika u l-problemi li jiġu riskontrati mill-istess ingħad ukoll f'żewg deċiżjonijiet msemmija mill-attriċi l-ewwel waħda fl-ismijiet **Carmena Fenech et. vs Ic-Chairman tal-Malta Drydocks et.**:-*

> *Jibda biex jiġi rilevat qabel kull konsiderazzjoni tal-komputazzjoni li trid issir illi mill-eżami tad-deċiżjonijiet kopjużi fuq is-suġġett huwa sew distingwibbli illi l-metodu tal-valutazzjoni tad-danni matul is-snin ikkostitwiet, bla dubju, l-problema l-aktar spinuża, tant li, storikament, ma jonqsux ċerti kawteli mill-Qrati in meritu għal likwidazzjoni. Huwa wkoll rikonoxxut minn din l-istess ġurisprudenza illi ebda metodu ta' kalkolu ma hu perfett tant li mal-firxa taż-żminijiet ġew adottati diversi kriterji li mhux dejjem taw riżultat univoku jew ġustifikabbli. Jibqa' l-fatt illi skond l-iżviluppi li seħħew fis-snin disgħin il-metodu li jidher ormaj l-aktar diffus hu dak tal-komputazzjoni tat-telf a bażi tal-working years expectancy. Anke hawn, pero`, ma tonqos il-vuċi li sostniet li l-kriterju bażat fuq il-mera differenza bejn l-eta` tal-vittma u l-eta` pensjonabbli "hu għal kollox riskjuż u alejatorju, sempliċiment għaliex wieħed ma jistax jivviżwalizza l-futur, u ċ-chances and changes tal-ħajja huma tant varji li hu diffiċli ferm li wieħed jistabilixxi kriterji oġġettivi li fuqhom kull każ jista' jiġi modellat" ("Lawrence Caruana –vs- Anthony Falzon", Appell, 5 ta' Ottubru, 2001). Hekk, ad eżempju, kif ukoll hu rikonoxxut f'bosta sentenzi, wieħed jista' jipprospetta qagħda fejn, minħabba in-natura tax-xogħol ta' ċertu strapazz, id-danneġġjat jew id-decujus kien jirtira qabel l-eta` tal-pensjoni. Minn naħa l-oħra wieħed jista' jargumenta wkoll illi ġialadarba fiż-żminijiet reċenti l-eta` ta' l-irtirar mix-xogħol qiegħda tiżdied (minn 61 sena kif kienet sa ftit snin ilu għal waħda ta' 65 sena), l-adozzjoni tal-multiplier għandha tieħu għarfien ta' dan l-iżvilupp ġdid. Ara f'sens konformi l-veduta tal-Qorti ta' l-Appell Superjuri fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Lulju, 2007: "Francesco Sultana et –vs- Frances Xavier Grech et;*

*Fil-konsiderazzjoni tal-premess u dik tal-konoxxenza li l-perjodu tal-multiplier suppost li jibda jgħaddi mid-data ta' l-inċident (ara "Carmelo Camilleri –vs- Alfred Falzon", Appell Civili, 14 ta' Mejju, 1984).*

71. Jirriżulta illi r-rikorrent, fit-talba tiegħu, indika illi huwa intitolat kemm għal 'Damnun Emergens', kif ukoll għal 'Lucrum Cessans'.

## Damnum Emergens

72. Jirriżulta illi, mid-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrent, riżultat tal-inċident, huwa kellu varji spejjeż ta' tobba u mediċini, illi ammontaw komplessivament għal tlett mija u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€360.69).

73. Jirriżulta illi tali spejjeż qatt ma ġew ikkontestati.

74. Jirriżulta, għalhekk, illi d-damnum emergens għandu jkun ta' **tlett mija u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€360.69).**

## Lucrum Cessans

75. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent jaħdem bħala self employed fil-qasam ta' strutturi ta' Aluminium, u miegħu għandu varji mpjegati, kif stqarr huwa stess fix-xhieda tiegħu.

### *Qliegħ annwali*

76. Jirriżulta illi, skond il-'Profit and Loss Account' għas-sena 2009, minnu ppreżentata, il-qliegħ minnu reġistrat dik is-sena kienet ta' sittax-il elf, sebgħa mija u tmenin Euro (€16,780). (fol 56)

77. Jirriżulta illi fis-snin preċendenti, r-rikorrent rreġistra qliegħ ta' €16,136 fis-sena 2007 u €16,034 fis-sena 2008. Għalhekk, il-Qorti tqis illi tista' tqis il-qliegħ reġistrat fis-sena 2009 a fini ta' kalkolu tal-Lucrum cessans.

78. Għalhekk, il-Qorti ser tgħaddi biex tikkonsidra l-qliegħ li abbażi tiegħu ser isiru l-kalkoli fis-somma ta' sittax-il elf, sebgħa mija u tmenin Euro (€16,780).

### *Multiplier*

79. Jirriżulta illi meta seħħ l-inċident, r-rikorrent kellu sebgħa u ħamsin sena.

80. Jirriżulta illi, skond il-provi mressqa w is-sottomissjonijiet magħmula, ir-rikorrent laħaq l-eta pensjonabbli meta għalaq l-eta ta' 62 sena.

81. Jirriżulta, għalhekk, illi fid-data tal-akkadut, r-rikorrent kien fadallu ħames (5) snin xogħol qabel ma jilħaq l-eta' pensjonabbli.

82. Il-Qorti għalhekk tqis illi l-multiplier għandu jkun ta' ħames snin.

### *Disabbilta'*

83. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, l-espert mediku mqabbad minn dina l-Qorti, ossia Mr Massimo Abela, wasal għal konklużjoni illi d-diżabbilta' permanenti tar-rikorrenti kienet ta' għaxra fil-mija (10%).

84. Jirriżulta illi tali konklużjoni kienet milħuqa wkoll mill-espert ex parte tar-rikorrent, Mr Ray Gatt.

85. Jirriżulta għalhekk illi ma għandu jkun hemm ebda dubju illi d-diżabbilta' li għandha titqies minn dina l-Qorti għandha tkun ta' għaxra fil-mija (10%).

### *Kalkolu finali*

86. Il-Qorti tibda biex tosserva illi r-rikorrent jikkontendi illi għall-ewwel sena wara l-inċident, ossia għas-sena 2010, huwa ma kienx f'posizzjoni illi jaħdem, peress illi l-ewwel kien l-Isptar għal ftit ġimgħat imbagħad kien ġo wheelchair għal tmien xhur u bil-krozzi għal xahrejn.

87. Ir-rikorrent, għalhekk, jikkontendi illi għas-sena 2010, huwa għandu jingħata l-kumpens sħiħ għat-telf tal-qliegħ, u mhux persentaġġ.

88. Il-Qorti tosserva, madanakollu, illi r-rikorrent ma ressaq ebda prova li turi li fis-sena 2010 huwa ma għamel ebda qliegħ – seta' faċilment jeżebixxi Profit and Loss Statement għas-sena 2010, bħalma ppreżenta għas-snin ta' qabel.

89. Tali nuqqas ifisser illi, a kontrarju ta' dak illi qiegħed jallega, r-rikorrent xorta għamel qliegħ, u dana peress illi, kif stqarr huwa stress, ix-xogħol baqa' għaddej, iżda kien qed isir mill-ħaddiema tiegħu.

90. Għalhekk, l-argument illi għandu jitħallas it-telf kollu 100% għas-sena 2010 ma jistax jiġi kkunsidrat favorevolment.

91. Dwar kunsiderazzjonijiet fuq l-għoli tal-ħajja, jirriżulta illi fil-każ '**Stephen Cardona vs John Mary Fenech**' deċiża mill-Prim' Awla fid-9 ta' Frar 2012, kien ġie deċiż illi:

> *Il-Qorti qed takkorda wkoll żieda ta' €300 fis-sena, ir-relazzjoni mal-awment tal-paga għall-għoli tal-ħajja.*

92. Dina l-Qorti taqbel illi tali ammont ta' **€300 fis-sena** għandu jitqies ukoll għall-għoli tal-ħajja fil-każ odjern.

93. Għalhekk, ikkunsidrat il-fatti kif fuq stabbiliti, il-kalkoli u konsiderazzjonijiet ser ikunu bbażati fuq il-fatti li ġejjin:

    a. L-introjtu ta' Anthony Marmara fis-sena 2009 kien ta' €16,780;
    b. L-għoli tal-ħajja ser tkun ta' €300 fis-sena;
    c. Il-livell ta' diżabbilta' huwa ta' 10%;
    d. Il-multiplyer għandu jkun ta' 5 snin.

### *Tnaqqis*

94. Il-Qorti tosserva illi s-soċjeta' intimata, fl-eċċezzjonijiet tagħha, qajjmet l-eċċezzjoni u argument illi l-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni l-element ta' kontributorjeta da' parte tar-rikorrent għall-inċident.

95. Il-Qorti ġia esprimiet aktar 'il fuq il-ħsieb tagħha li tikkunsidra favorevolment tali argument.

96. Il-Qorti tosserva illi, għalkemm huwa minnu illi l-intimati naqqsu milli jdawwlu l-fond sabiex ikun faċilment aċċessibbli mingħajr perikolu u, aktar u aktar, naqsu milli jassikuraw illi l-fetħa tal-bieb għal-lift shaft ikun magħluq b'mod sigur, huwa minnu

wkoll illi, minkejja d-dlam illi kien hemm, ir-rikorrent xorta waħda għażel illi jidħol mingħajr ma jieħu ebda prekawzjonijiet li, fil-minimu tagħhom, kien jirrikjedi illi jixgħel dawl sabiex jara fejn sejjer.

97. Il-Qorti tosserva wkoll illi r-rikorrent huwa persuna tas-sengħa u involut fil-qasam tal-bini fil-kamp tal-aluminium, u għalhekk ċertament ma kienx l-ewwel darba illi mar fuq lant tax-xogħol simili għal dak fejn seħħ l-inċident.

98. L-Qorti għalhekk kienet tistenna illi r-rikorrent jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa, ħaġa illi huwa ma għamilx, bir-riżultat illi, b'riżultat ta' tali nuqqas, huwa spiċċa waqa' ġo shaft tal-lift.

99. Il-Qorti tqis illi tali nuqqas, da parte tar-rikorrent, jwassal sabiex huwa għandu jerfa' parti mir-responsabbilta', u l-Qorti tikkwantifika tali persentaġġ fl-ammont ta' għoxrin fil-mija (20%).

100. Il-Qorti tqis ukoll illi għandha tieħu konsiderazzjoni tal-prinċipju ta' lump sum payment stabbilit fil-Qrati nostrani.

101. F'dan l-istadju, ssir referenza għall-każ **Jos Agius vs All Services Ltd**, dwar tnaqqis minħabba l-fatt li l-ammont ta' danni ser jitħallas f'darba, fejn intqal hekk:

> *"F'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa (lump sum payment) lill-benefiċċjarji. Jekk id-deċiżjoni, però, tkun ser tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konsewetudini tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża."*

102. Jirriżulta, mill-atti tal-kawża, illi l-kawża nbdiet fis-sena 2012 u, sa llum, tkun ilha għaddejja għal aktar minn disgħa snin.

103. Għalhekk, applikata r-regola fuq indikata, la darba għaddew sebgħa snin wara l-ewwel sentejn tal-kawża, l-lump sum li għandu jingħata, għandu jitnaqqas b'erbgħatax-il punt, u għalhekk il-lump sum deduction għandu jkun ta' sitta fil-mija (6%).

**Somma Dovuta**

104. Ikkunsidrati l-fatti kif fuq diskussi, is-somma kif likwidata bħala :

a. id-damnum emergens għandu jkun ta' **tlett mija u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€360.69);**

b. u bħala *lucrum cessans* hija: €17,080 x 5 (multiplier) = €85,400 x 10 % (*disabbilta'*) = € 8,540 naqqas 20% (*dovuta għal kontributorjeta tar-rikorrenti*) = €6,832 naqqas 6% (*lump sum payment ammontanti għal €410*) = **€6,422 (sitt elef, erbgħa mija u tnejn u għoxrin Euro)**.

Total ta' **sitt elef, sebgħa mija u tnejn u tmenin Euro u disgha u sittin ċenteżmu (€6,782.69).**

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha kif prodotti quddiem dina l-Qorti;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi dina l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta' intimata MRT Developments Limited għajr għat-tielet eċċezzjoni tagħha.

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tal-Kjamat in kawża Firos Akkawi.

**Tiddikjara** s-soċjeta' intimata MRT Developments Limited u l-Kjamati in kawża Firaz Akkawi u Abdulmottaleb Mohammed El-Azibi unikament responsabbli in solidum bejniethom għall-inċident li seħħ fit-8 ta' Frar 2010, fil-fond 48, Triq il-Maddaffa, Żabbar li fih korra Anthony Marmara fejn sofra ġrieħi gravi u serji.

**Tillikwida** d-danni sofferti mir-rikorrenti minħabba dan 1-inċident fl-ammont ta' **sitt elef, sebgħa mija u tnejn u tmenin Euro u disgha u sittin ċenteżmu (€6,782.69).**

**Tikkundanna** lis-soċjeta' intimata MRT Developments Limited u l-Kjamati in kawża Firaz Akkawi u Abdulmottaleb Mohammed El-Azibi in solidum bejniethom biex iħallsu lir-rikorrenti l-ammont ta' **sitt elef, sebgħa mija u tnejn u tmenin Euro u disgha u sittin ċenteżmu (€6,782.69)** in linea ta' danni minnu sofferti.

**Imgħax** dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Spejjeż** kollha rikorrenti kif mitluba a kariku soċjeta' intimata MRT Developments Limited u l-Kjamati in kawża Firaz Akkawi u Abdulmottaleb Mohammed El-Azibi in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**